



Kunsill Ewropew

Brussell, 18 ta' Diċembru 2014
(OR. en)

EUCO 237/14

CO EUR 16
CONCL 6

NOTA TA' TRASMISSJONI

Minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
Lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Kunsill Ewropew (18 ta' Diċembru 2014) - Konklużjonijiet

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż il-konklużjonijiet adottati mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa msemmija hawn fuq.

I. INRAWMU L-INVESTIMENT FL-EWROPA

1. It-trawwim tal-investment u l-indirizzar tal-falliment tas-suq fl-Ewropa huma sfidi politiċi ewlenin. Il-fokus il-ġdid fuq l-investment, flimkien mal-impenn tal-Istati Membri biex jintensifikaw ir-riformi strutturali u biex ifittxu konsolidazzjoni fiskali li tiffavorixxi t-tkabbir, ser jipprovdi l-bażi għat-tkabbir u l-impjiegi fl-Ewropa. Il-Kunsill Ewropew:
 - a) jappella għall-istabbiliment ta' Fond Ewropew għal Investimenti Strateġiċi (FEIS) fil-Grupp tal-BEI bil-għan li jiġu mobilizzati EUR 315-il biljun f'investimenti ġodda bejn l-2015 u l-2017. Il-Kummissjoni ser tippreżenta proposta f'Jannar 2015, li l-leġislaturi tal-Unjoni huma mistiedna li jaqblu dwarha sa Ġunju, sabiex l-investimenti l-ġodda jkunu jistgħu jiġu attivati digħ minn nofs l-2015. Il-Grupp tal-BEI huwa mistieden jibda l-attivitajiet billi juża l-fondi proprji minn Jannar 2015. L-EFSI ser ikun miftuħ għal kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri, direttament jew permezz ta' banek promozzjonali nazzjonali. Il-Kunsill Ewropew jieħu nota tal-pożizzjoni favorevoli li l-Kummissjoni indikat lejn kontribuzzjonijiet kapitali bħal dawn fil-kuntest tal-valutazzjoni tal-finanzi pubbliċi taħt il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir, neċessarjament f'konformità mal-flessibbiltà li hija integrata fir-regoli eżistenti tiegħu;
 - b) jappoġġa l-intenzjoni tal-Kummissjoni u tal-BEI li jsaħħu l-assistenza teknika għall-proġetti fil-livell Ewropew u li joħolqu ċentru ta' konsulenza għall-investment li għandu jkun operazzjonali minn nofs l-2015;
 - c) jenfasizza li l-FEIS ser jikkomplementaw u jkunu addizzjonali għall-programmi tal-UE li għaddejjin bħalissa u l-attivitajiet tradizzjonali tal-BEI. F'dan il-kuntest, jeħtieġ li jiġi inkoraġġut l-użu sħiħ tar-riżorsi kollha eżistenti u allokat i tal-UE. Il-Kummissjoni ser taħdem mill-qrib mal-Istati Membri kkonċernati biex jinstabu soluzzjonijiet sabiex jimmassimizzaw l-użu tal-impenji taħt il-perijodu tal-QFP 2007-2013 u tirrikonoxxi x-xewqa li jitwettqu proġetti fuq perijodu twil fis-snin li ġejjin billi tintuża l-flessibbiltà tar-regoli eżistenti;

- d) jistieden lill-Kummissjoni u lil-leġislaturi tal-Unjoni biex iħaffu l-ħidma fuq il-miżuri ewlenin biex tiżdied l-attrattiva tal-Unjoni għall-produzzjoni, l-investment u l-innovazzjoni u biex jitjieb l-ambjent regolatorju għall-investimenti, inkluż biex jimxi lejn swieq kapitali integrati aħjar, filwaqt li fl-istess ħin isegwu b'mod vigoruż l-aġenda għal regolamentazzjoni aħjar immirata lejn regolamentazzjoni trasparenti u sempliċi li tinkiseb bi spejjeż minimi, b'mod konsistenti mal-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-4 ta' Diċembru 2014;
 - e) jappella biex jitħaffu l-adozzjoni, it-traspożizzjoni u l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-Suq Uniku u biex jitjiebu l-isforzi biex jitneħħew l-ostakli u jitlesta s-suq intern għall-prodotti u s-servizzi;
 - f) jappella lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta komprensiva għal Unjoni tal-Enerġija ferm minn qabel il-Kunsill Ewropew ta' Marzu 2015;
 - g) jappella lil-leġislaturi tal-Unjoni biex jagħtu spinta għal lill-ħidma dwar proposti pendent rigward is-Suq Uniku Diġitali u lill-Kummissjoni biex tippreżenta komunikazzjoni ambizzjuża f'dan il-qasam ferm minn qabel il-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2015;
 - h) jappella għal aktar tisħiħ tas-sistema kummerċjali multilaterali u l-konklużjoni ta' ftehimiet kummerċjali bilaterali ma' sħab ewlenin. L-UE u l-Istati Uniti għandhom jagħmlu l-isforzi kollha biex jikkonkludu n-negozjati dwar TTIP ambizzjuża, komprensiva u ta' benefiċċju reċiproku sal-aħħar tal-2015.
2. Il-Kunsill Ewropew ser jieħu regolarment kont tal-implimentazzjoni tal-linji gwida msemmija hawn fuq.
3. Hemm hteġa urġenti li jiġu avvanzati l-isforzi fil-ġlieda kontra l-evitar tat-taxxa u l-ippjanar aggressiv tat-taxxa, kemm fil-livell dinji kif ukoll f'dak tal-UE. Filwaqt li jenfasizza l-importanza tat-trasparenza, il-Kunsill Ewropew jistenna bil-ħerqa l-proposta tal-Kummissjoni dwar l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni dwar deċiżjonijiet dwar it-taxxa fl-UE. Il-Kunsill ser jiddiskuti kif ser isir progress dwar dawn il-kwistjonijiet kollha u jirrapporta lura lill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2015.

4. Koordinazzjoni aktar mill-qrib tal-politiki ekonomiċi hija essenzjali biex jiġi żgurat il-funzjonament mingħajr xkiel tal-Unjoni Ekonomika u Monetarja. Wara diskussjoni dwar din il-kwistjoni abbażi ta' nota analitika fil-laqgħa informali tal-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern fi Frar, il-President tal-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-President tas-Summit taż-Żona tal-Euro, il-President tal-Grupp tal-euro u l-President tal-Bank Ċentrali Ewropew, ser jirrapporta l-aktar tard lill-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2015. L-Istati Membri ser ikunu involuti mill-qrib fil-ħidma preparatorja.

II. UKRAINA

5. Il-Kunsill Ewropew jifraħ lill-Ukraina għall-gvern il-ġdid tagħha u jilqa' d-determinazzjoni tagħha li twettaq riformi politiċi u ekonomiċi. Wara t-tieni żborż tal-Kummissjoni f'Diċembru ta' EUR 500 miljun f'assistenza makrofinanzjarja, l-UE u l-Istati Membri tagħha jinsabu lesti li jkomplu jiffaċilitaw u jappoġġaw il-proċess ta' riforma tal-Ukraina, flimkien ma' donaturi oħra u f'konformità mal-kondizzjonalità tal-FMI. Il-Kunsill Ewropew jilqa' d-disponibbiltà tal-Kummissjoni li żżid l-għajjnuna umanitarja għan-nies li qed ibatu fl-Ukraina.
6. Is-sitwazzjoni fil-Lvant tal-Ukraina tibqa' ta' tħassib serju. Il-politika tal-Unjoni li ma tirrikonossix l-annessjoni illegali tal-Krimea u Sevastopol saret aktar stretta mil-lum. L-UE ser tibqa' ddeterminata; il-Kunsill Ewropew jinsab lest li jekk ikun meħtieġ jieħu passi ulterjuri. Il-partijiet kollha, inkluż ir-Russja, għandhom jimpenjaw ruħhom b'mod attiv u jimplimentaw b'mod sħiħ il-ftehimiet ta' Minsk. Il-Kunsill Ewropew jappella għal aċċess bla tfixkil għas-sit tat-tigriġ tal-MH17 fl-interess tal-investigazzjonijiet li għaddejjin bħalissa.
-